MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2005

Numru 694/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
v

**FAICAL MAHOUACHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FAICAL MAHOUACHI** ta' erbgha w tletin sena bin Mahdi Ben Ali Ben Salah Mahouachi u Mashou Macuia Bent Jilani ben nee Amor, imwieled t-Tunisia nhar l-ewwel ta' Frar 1967 u joqghod 20, Triq Leone, Bubaqra, limiti taz-Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 369294M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'dan il-Gzejjer, fil-hdax ta' Ottubru 2000 u fix-xhur ta' qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu

d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fis-sebgha ta' Ottubru 2000 fil-Fgura, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Phillips, liema serq hu aggaravat bil-valur tal-haga misruqa billi l-valur tieghu huwa ta' taktar minn mitt lira maltin mill-hanut 'Cottoner Bar & Restaurant' fil-Fgura ghad-dannu ta' Pauline Debono;

3. Talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minn awla numru 2 u u ohra moghtija minn awla numru 7 li saru definittivi fit-tletin ta' Gunju 1995 u ghoxrin ta' Jannar 1998 rispettivament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datat tnax ta' Ottubru 2000 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 5 tal-atti processwali u l-kunsens tal-Avukat Generali esibit a fol 6 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 10] nhar t-tnax ta' Ottubru 2000.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hdax ta' Ottubru 2000 esibita a fol 14 et seq tal-atti markata bhala dokument AZ 1, stqarrija rilaxxjata minn David Monsigneur rilaxxjata nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2000 [fol 126], sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Carol Peralta nhar l-ghoxrin ta' Jannar 1998 fil-konfront tal-imputat odjern esibita a fol 18 et seq tal-atti markata bhala dokument AZ 2 u sentenza ohra moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar t-tletin ta' Gunju 1995 fil-konfront tal-imputat odjern esibita a fol 22 et seq tal-atti markata bhala dokument AZ 3.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2000 [fol 13] li s-sentenzi dokumenti AZ 2 u AZ 3 huma sentenzi li kienu nghataw fil-konfront tieghu.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tlettax ta' Lulju 2005 [fol 144]

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2000 xehdet Pauline Debono** [fol 33] fejn qalet li nhar s-Sibt, sebgha ta' Ottubru 2000 ghall-habta tas-sebgha, waqt li kienet fil-hanut taghha qed tipprepara ghal klijenti, u proprju kienet hdejn il-*counter*, fejn hemm il-*cash*, kellha t-tifel fil-pizzerija n-naha l-ohra u ragel fil-kcina, meta dahal l-imputat, li gharfet presenti fl-awla u David Monsigneur u marru jordnaw pizza. Hallsuha u qaghdu hdejn il-*counter*. Qalet li ghal ewwel kienu ser jiehduha *take away* u wara ddecidew li jiehduha hemmhekk u xtraw Coca iehor li ferratulhom fit-tazza u xtraw cikkulata Lion u qaghdu mal-mejda. Qalet li David Monsigneur ma ccaqlaqx minn hemm u l-imputat beda jdur minn bieb ghal iehor, jidhol mit-*take away* u jmur n-naha taghha. Spjegat li meta

wiehed jghaddi mit-*take away*, hemm tieqa fejn jhallsu n-nies u jkun jista jara l-*counter* kollu.  Qalet li hi kellha l-*mobile* taghha fejn il-*counter* li kien ben in vista u l-imputat qaghad idur hemmhekk.  Qalet li f'daqqa wahda dawn iddecidew li jiehdu l-pizza *take away* u ghalhekk taghtilhom go kaxxa.  Qalet li hin minnhom, r-ragel li kien hemm fil-kcina ghajtilha u sakemm dahlet hdejh, peress li hemm l-mirja tul l-hanut kollu, bdiet tara lil imputat jittawwal u jixxabbat ghal taht l-*counter*, qisu qed jitla fuqu biex jara x'kien hemm taht u f'daqqa wahda, kif kienet regghet sejra lura, rat lil imputat b'*mobile* u peress li ma kienetx certa jekk kienx taghha, marret biex iccempel l-*mobile* u kif l-imputat raha ser tersaq, harab jigri bil-pizza f'idu, l-Coca tah lil iehor, u harab 'l barra.  Qalet li hi bdiet iccempel fuq il-*mobile* biex tara jekk kienx taghha li jkun qed idoqq, u l-imputat dahal f'karozza li kien hemm ipparkjata quddiem il-bieb ta' barra, u David Monsigneur, li kien qed isuq, irriverzja sal-hanut l-iehor sabiex hi ma tkunx tisma l-*mobile* idoqq.  Qalet li dak l-hin hi rat lil imputat u lil David Monsigneur jitlewmu bejniethom u kien hemm li rrejalazzat li l-imputat kien hadilha l-*mobile* taghha.  Ix-xhud qalet li dak l-hin hi kellha biro f'idejha u kitbet in-numru tal-vettura fuq il-pala t'idejha.   Qalet li wara xi kwarta kien mar David Monsigneur u staqsiha ghaliex kienet hadet in-numru tal-karozza li kien fiha hu aktar qabel, peress li kien ra tiktbu fuq idejha u zied jghidilha li l-mobile mhux hu kien hadulha izda l-imputat.  Qalet li lil David Monsigneur qaltlu biex imur igibilha l-*mobile* ghaliex dak tahdem bih il-hin kollu.  Qaltlu kemm kienet xtratu u cioe mija w ghoxrin lira u qaltlu wkoll li jekk igibulha lura kienet lesta li taghtih hames liri.  Qalet li David Monsigneur kien irrispondiha li hu kien qal lil imputat biex jroddilha l-*mobile* lura pero l-imputat kien gia lahaq mar il-Hamrun bih u li kien gia bieghu.  Qalet li aktar tard kien mar l-imputat ghandha u staqsiha ghaliex kienet qed tghid li hu kien serqilha l-*mobile* u hi kienet qaltlu li kienet ratu jigri 'l barra u li kienet cemplet fuqu u li qisu kien irriversja bil-karozza biex hi ma tisimghux idoqq.  Qalet li l-imputat kien irrispondiha b'mossa baxxa ghal mistoqsija biex imur u jgibulha lura u zied jghidilha biex tinsih.  Ix-xhud qalet li l-imputat mhux l-ewwel darba li mar fil-hanut fejn tahdem hi ghal dawk l-ahhar xahrejn u anke

kien jordna xi pizza minghand Cassia Bar u johduwielu jew imur ghaliha hu stess. Ix-xhud kompliet tghid li fl-ahhar gimgha l-imputat kien imur fuq l-parapett jixrob ma zewg hbieb ohra u ghalhekk kellha ideja sewwa tieghu. Qalet li lil David Monsigneur kienet ratu l-ewwel darba dakinhar. Qalet li fejn kien l-*mobile* kien hemm biss l-imputat u David Monsigneur biss pero David Monsigneur ma setghax jara l-*mobile*. Qalet li l-*mobile* kien fuq xkaffa wara l-*counter*, filwaqt li n-nies ikunu barra. Qalet li hi minn gol-mera rat lil imputat jixxabbat u hasbet li kien ser jiehu xi sigaretti, peress li qisu ghandu kunfidenza u jaqbad u jiehu u kien x'hin ratu jtella' l-*mobile* u jipprova jahrab, li ppreparat biex iccempel fuq in-numru taghha stess biex tisma l-*mobile* idoqq. Qalet li l-imputat kien sar klijent regolari ghal dawk l-ahhar xahrejn u kien imur hemm kwazi kuljum. Qalet li hi kienet ghassa ghal imputat u mhux ghal David Monsigneur peress li kien l-imputat li kien qisu qed jiffittha u qisu jimmolla, qisu qed jaqbez, mhux bhal ma s-soltu jaghmel, peress li s-soltu kien ikun qieghed sew. Qalet li David Monsigneur, peress li kien klijent gdid u ma tantx ghogobha, kienet ghassa tieghu minhabba l-*cash*. Qalet li meta dahlet fil-kcina, damet biss ftit, kemm dahlet u harget. Qalet li sakemm taghthom il-pizza, David Monsigneur ma harigx mill-hanut u qaghad il-hin kollu fil-hanut u hareg biss x'hin harbu jigru hu u l-imputat. Qalet li l-imputat ghamel zewg tentattivi biex jiehu l-*mobile* w irnexxilu mat-tieni tentattiv ghaliex ratu f'idejh. Qalet li x'hin hargu mill-hanut, l-imputat kellu f'idejh wkoll l-pizza u flixkun Coca maghluq, ghaliex it-tazza w ic-cikkulata hallewhom fuq il-mejda. Qalet li hi kienet qisu erbghin pied boghod u rat kollox mill-mera. Ikkonfermat li l-imputat kien diga hallas tal-pizza. Lil David Monsigneur ma ratux bil-*mobile* f'idejh dakinhar tal-incident, kien biss tlett ijiem wara meta rega' mar, li rat li kellu mobile f'idejh. Mistoqsija jekk il-*mobile* taghha kienx identiku ghal dak li kellu lil David Monsigneur, ix-xhud wiegbet li ma setghetx tghid ghaliex hu qatt ma wriehulha u lanqas ma talbitu biex tarah. Qalet li l-imputat kellu karozza miksura pero dakinhar ma kienx b'din il-karozza tieghu, kien b'ohra. Qalet li meta rega' mar fil-hanut fit-tmienja, l-imputat kien qalilha li kellu flus u fil-fatt hareg mazz ghaxar lirijat u qalilha li ma kellux bzonn li jiehu l-

*mobile* taghha. Qalet li hi ma talbitx l-*mobile* lil David Monsigneur ghaliex mhux lilu rat jiehdu.

Illi **nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2000 xehed l-Ispettur Abraham Zammit** [fol 52] fejn qal li fis-sebgha ta' Ottubru 200o, Pauline Debono li tiggestixxi l-Cottoner Bar & Restaurant fil-Fgura, ghamlet rapport li l-imputat kien hadilha l-*mobile* taghha mill-hanut waqt li kienet qed isservi hemmhekk. Qal li hi taghtu deskrizzjoni ta' kif kien dan il-*mobile* u li meta sehh s-serq, l-imputat kien fil-kumpanija ta' David Monsigneur. Ix-xhud qal li Pauline Debono qaltlu li meta rathom hergin mill-hanut hi ppruvat iccempel fuq in-numru taghha sabiex tisimghu jdoqq, pero ma lahqitx semghetu ghaliex lahqu harbu minn fuq il-post b'karozza. Qal li Pauline Debono kienet qaltlu wkoll li wara kien mar David Monsigneur u qalilha li mhux hu kien hadulha l-*mobile* izda l-imputat Faical Mahouachi. Ix-xhud kompla jghid li hu ghalhekk kien arresta lil imputat u hadlu stqarrija wara li kien gie moghti s-solita twissija skond l-ligi, liema stqarrija l-imputat ghazel li jiffirma. Ix-xhud esibixxa din l-istqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument AZ 1 [fol 14].

Qal li f'din l-istqarrija l-imputat kien stqarr li veru kien dahal fl-imsemmi hanut pero nnega li kien seraq il-*mobile* in kwistjoni. Qal li fl-istqarrija l-imputat kien stqarr li ftit qabel dan il-kaz kien abbuza mid-droga eroina li kien jahraqha fuq il-*foil* u mhux jinjettjha. Ix-xhud kompla jghid li tkellem wkoll ma David Monsigneur fejn spjega li dakinhar tal-incident kien iltaqa mal-imputat u ftehmu li jmorru jiehdu pizza l-Cottoner Bar & Restaurnat u li f'hin minnhom l-imputat qallu biex johorgu 'l barra u kif kienu barra wrieh *mobile* u li David Monsigneur kien qallu biex jirritornah lura pero l-imputat ma riedtx. Ix-xhud qal li kienu ghamlu tfittxija fil-fond tal-imputat u cioe f'numru 20, Triq San Liljun Bubaqra limiti taz-Zurrieq, fejn instabu oggetti relatati mad-droga u gew elevati. Ix-xhud esibixxa zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat li gew mmarkati bhala dokumenti AZ 2 u AZ 3 rispettivament.

Nhar **s-sitta ta' Frar 2001 rega' xehed l-Ispettur Abraham Zammit** [fol 79] u esibixxa borza li fiha pakkett

tas-sigaretti kif wkoll mgharfa mcappsa bin-nugrufun u sustanzi ohra li gew mmarkati bhala dokument Y.

Illi **nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2000 xehed PS 1495 Joseph Muscat** [fol 55] fejn qal li fit-tmienja ta' Ottubru 2000 waqt li hu kien qed jinvestiga serqa ohra, kien gie avzat li fil-Cottoner Bar & Restaurant kien hemm xi serqa ta' xi oggett u ghalhekk mar fuq il-post indikat lilu fejn sab lil sid il-hanut, Pauline Debono, li qaltlu li ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija waqt li kienet qed taqdi xi nies, kien dahal l-imputat u David Monsigneur, u waqt li kienu hemmhekk, sakemm dahlet f'kamra ohra, rat lil imputat b'*mobile* f'idu hiereg jigri mill-hanut. Qal li qaltlu li hi harget tigri warajhom w irnexxilha tiehu n-numru tal-karozza li kienu dahlu fiha. Qal li din qaltlu wkoll li wara kien rega' mar David Monsigneur ghandha u li dan kien qalilha li ma kienx hu li kien hadilha l-*mobile*. Pauline Debono qal li qaltlu wkoll li lil David Monsigneur kienet qaltlu li hu kien ma l-imputat u li kien l-imputat li kien hadilha l-*mobile* taghha u li dan kien irrispondiha li hu ma kienx jaf li l-imputat hadulha, qalilha li ggieldu u nizzlu mill-karozza u li kien mar joffrilha l-karta tal-identita tieghu biex juriha kemm kien sincier. Ix-xhud kompla jghid li wara xi jumejn hu kien rega' dahal ghax-xoghol u qal lil Ispettur tieghu u waqt li kien hemm ra lil imputat u hadu stqarrija tal-imputat li ghazel li jiffirma wkoll. Ix-xhud kkonferma l-istqarrija dokument AZ 1 [fol 14] bhala l-istess wahda mehuda fil-presenza fejn anke kkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Brian Zammit kif wkoll tal-imputat li jidhru fuqha.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2001 xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** [fol 82] u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MM [fol 84]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li kien hemm rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 xehed PS 321 Alan Lagreste** [fol 100] fejn ikkonferma li l-identita tal-imputat odjern bhala l-istess persuna ndikata fis-sentenza markata bhala dokument AZ 3 [fol 22].

Illi **nhar l-hmistax ta' Marzu 2004 xehed David Monsigneur** [fol 125] fejn qal li jiftakar li nhar s-sebgha ta' Ottubru 2000, hu kien mar jiehu pizza mal-imputat. Wara li l-Qorti taghtu t-twissija li ma kienx obbligat li jirrispondi ghal ebda domanda li setghet tinkriminah, u x-xhud gie mistoqsi x'kien mar jaghmel mal-imputat ghal pizza, x-xhud ghazel li ma jirrispondix ghal din d-domanda.

Illi **nhar l-hdax ta' April 2005 xehed l-imputat** [fol 139] fejn qal li jiftakar li fiz-zmien meta kien gie akkuzat, kien dahal flimkien ma David Monsigneur biex jixtru pizza *take away*. Qal li fil-hanut kien hemm mara, ragel u tifel, filwaqt li fuq il-bank tal-hanut kien hemm *cash register*. Qal li huma kienu marru jieklu din l-istess pizza li kienu xtraw go bar f'post iehor. Qal li huma qaghdu jieklu din il-pizza u xi hin David Monsigneur, telaq. Qal li wara kien rega' mar fl-istess hanut u qallu li hu kien hadilha l-*mobile* taghha lil dik il-mara. Qal li dak l-lejl din il-mara kienet cemplitlu biex tghidlu fuq il-*mobile* u hu kien qalilha li ma kien hadilha xejn u li fil-fatt lanqas biss kien jaf ghal liema *mobile* kienet qed tirreferi u fil-fatt dak l-hin cahad maghha li kien hadulha hu u zied jghidilha li hi ratu jhallas ghal pizza li kien ha hu. Ix-xhud zied jghid li din il-mara kienet qaltlu biex jirritornalha l-*mobile* taghha peress li David Monsigneur kien qalilha li hu kien hadulha. Qal li David Monsigneur ma kien qallu xejn fuq il-kwistjoni tal-*mobile*. L-imputat qal li David Monsigneur kien kellmu fuq il-*mobile* in kwistjoni u kien qallu li kien hadu hu u bieghu. Qal li David Monsigneur kien qalilha li kien hadu hu biex inehhi kull suspett minn fuqu u jitfghu ghal fuqu. L-imputat zied jghid li fil-hanut kien imur spiss mat-tfal jiekol.

Mistoqsi x'kellu xi jghid dwar l-akkuza kontra tieghu dwar l-Eroina, l-imputat cahad li qatt ha l-Eroina u li l-kuccarina li kienet instabet mill-Pulizija, ma kellha xejn u anke t-tfittxija li saret fil-fond fejn kien jabita hu, rrizultat fin-negattiv. Mistoqsi jekk mal-pizza, hu kienx ha xi Coca u cikkulata, ix-xhud rrisponda li jista jaghti l-kaz u li dawn kien hallas ghalihom. Ix-xhud cahad dak allegat mill-Prosekuzzjoni li hu kien halla warajh xi affarijiet fil-hanut. Qal li Pauline Debono ma kienet qaltlu xejn fuq il-*mobile*

meta kien fil-hanut. Cahad dak allegat mill-Prosekuzzjoni li hu kien tela nofsu fuq il-bank biex jiehu l-*mobile* u cahad wkoll li kien ha dan l-*mobile*. Qal li Pauline Debono, lilu kienet cemplitlu fuq il-*mobile* tieghu. Cahad dak allegat mill-Prosekuzzjoni li waqt li kien fil-karozza ma David Monsigneur, kien daqq il-*mobile* ta' Pauline Debono, u li hu kien qed jghajjat lil David Monsigneur biex jfittxu jitilqu minn fuq post bil-karozza. Cahad wkoll li Pauline Debono kienet talbitu biex johdilha lura l-*mobile* u li hu kien qalilha li kien lest li jaghtiha hames liri tieghu. Qal li Pauline Debono kienet offrietlu hames liri biex hu jaghtiha lura l-*mobile*. Qal li meta l-Pulizija kienet staqsietu jekk kienx qed jiehu droga hu kien irrispondihom li hu kien qed jiehu l-kura ghad-droga mhux li kien qed jiehu d-droga. Meta saritlu referenza ghal pagna 4 tal-istqarrija rilaxxjata minnu nhar l-hdax ta' Ottubru 2000, ix-xhud rrisponda li ma jiftakarx li hu kien qal dak l-kliem in konnessjoni ma droga Eroina.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik esposta mill-Prosekuzzjoni li tghid li kien l-imputat li seraq l-mobile u ha d-droga u dik ta' l-imputat li jichad l-allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u cioe fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex tkun ghexet il-process kollu u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccata b'xhud okulari li rat lil imputat jisraq il-*mobile phone* taghha waqt li kien fil-hanut taghha. B'mod esplicitu Pauline Debono, b'referenza ghal imputat, tghid li ratu bil-*mobile* taghha f'idejh meta kien xi erbghin pied boghod minnha. Illi din x-

xhud hija xhud kredibbli, kuntrarjament ghal dak li stqarret d-Difiza, hija kostanti u zammet dejjem l-istess versjoni tal-fatti kif sehhet is-serqa u tat l-istess spjegazzjoni kemm lil Ispettur li nvestiga l-kaz, kemm lis-Surgent li rrappurtat l-kaz lilu, kif wkoll viva voce l-Qorti quddiem l-imputat.

Din il-Qorti mhux ser taghti widen ghal istqarrija li rrilaxxja David Monsigneur u dan ghaliex huwa ma xhedtx l-Qorti ghaliex talab li jigi ezentat peress li setgha jinkriminha ruhu u ghalhekk l-versjoni tal-fatti kif moghtija fl-istqarrija tieghu ma tikkostitwix prova ai fini ta' dan l-procediment kriminali.

Il-Qorti hija tal-fehma li x-xhud Pauline Debono hija kredibbli u x-xhieda taghha ghandha mis-sewwa u a bazi tal-istess, tiddikjara li qed **issib lil imputat Faical Mahouachi hati tat-tieni akkuza** u cioe ta' serq ta' *mobile phone*.

Dwar l-aggravju tal-valur, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova li l-valur tal-*mobile phone* jeccedi l-mitt lira maltin. L-unika referenza li hemm ghal valur ta' dan il-*mobile* hija fl-okkorrenza mehuda minn PS 1495 Joseph Muscat, meta jghid li l-valur tal-oggett misruq huwa ta' mitt lira maltin.
Il-Qorti tirrileva li dan huwa biss valur approssimattiv moghti mid-derubata u tali asserzjoni ma hiex konfortata b'ebda dokument. Ghalhe**kk il-Qorti thoss li l-aggravju tal-valur ma giex ppruvat**.

**Dwar l-ewwel akkuza** moghtija mill-Prosekuzzjoni u cioe dik ta' pussess ta' droga f'Malta fil-hdax ta' Ottubru 2000 u fix-xhur ta' qabel, il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat stess esibita fl-atti bhala dokument AZ [fol 14] u minn ezami tal-istess, fuq ammissjoni tal-imputat, **jirrizulta li huwa kien jiehu d-droga Eroina u l-ahhar darba li kien ha kien xahrejn u nofs qabel ma rrilaxxja l-istqarrija nhar l-hdax ta' Ottubru 2000**.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li tali akkuza tirrizulta ppruvata a bazi tal-ammissjoni tieghu stess.

**Dwar l-akkuza li l-imputat huwa recidiv**, **din tirrizulta** wkoll ghaliex l-Prosekuzzjoni esibit s-sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat u ressqet xhieda tal-identita fil-konfront tieghu.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 8 tal-atti minn fejn jirrizulta li fuqha hemm registrati erbgha reati fis-sena 1992 fejn kien instab hati talli kien Malta minghajr permess moghti lilu mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni w inghata unconditiional probation, illi sussegwentement fis-sena 1995, kien instab hati talli hedded w attakka Ufficjal tal-Pulizija u gie kkundannat ihallas multa ta' mitejn lira maltin, fis-snin 1997 u 1998 instab hati ta' pussess ta' droga Eroina.

Illi ma jidhirx li l-imputat tghallem mill-esperjenzi tieghu tant li llum jinsab l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

**Illi ghalhekk l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49, 50, 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat FAICAL MAHOUACHI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghal aggravju tal-valur fis-serq u minn dan l-aggravju l-Qorti qed tilliberah.**

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed issib lil imputat hati ta' serq semplici u talli huwa recidiv u li kellu l-pussess tad-droga Eroina u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni u ghalhekk kif deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1998 fl-ismijiet Il-Pulziija v Trevor Farrugia, din il-Qorti qed tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------